A.L. 208 ta' l-2005

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għas-Certificate in Islands and Small States Studies taħt il-patroċinju ta' l-Institute for Islands and Small States

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord ta' l-Institute for Islands and Small States bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 37(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 37(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għas-Certificate in Islands and Small States Studies taħt l-patroċinju ta' l-Institute for Islands and Small States.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord ta' l-Institute for Islands and Small States;

"il-Bord ta' l-Istudji" tfisser il-Bord ta' l-Istudji maħtur mis-Senat għall-Kors; u

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għas-Certificate in Islands and Small States Studies.

L-Applikabilita'

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2003 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul skond ir-Regolamenti għad-Dħul ta' l-Universita'.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors jinfirex fuq medda ta' żewġ semestri ta' studju fuq bażi *part-time*.

Il-Programm tal-Kors

5. Il-programm ta' studju jikkonsisti f':

(a) għadd ta' taqsmiet studju mgħallma li jkopru l-aspetti ġeografiċi, ambjentali u soċjo-ekonomiċi ta' l-Istudji tal-Gżejjer u Stati |għar, li għalihom hemm assenjati 24 kredtu; u

(b) taqsima studju li tinvolvi esej twil, li għaliha hemm assenjati 6 kredti.

Il-Valutazzjoni Supplimentari

6. (1) L-istudenti jistgħu jkunu evalwati mill-ġdid f'xi taqsimiet studju mgħallma li weħlu minnhom matul is-sessjoni ta' l-eżamijiet skedata li jmiss, normalment f'Settembru.

(2) L-istudenti li jeħlu f'taqsimiet studju mgħallma li għalihom hemm assenjati 8 kredti jew aktar ma jkunux eliġibbli għall-valutazzjoni mill-ġdid u għandhom jitqiesu li weħlu għal kollox mill-Kors.

(3) L-istudenti li jeħlu fil-valutazzjoni supplimentari ta' xi taqsima studju mgħallma għandhom jitqiesu li weħlu għal kollox mill-Kors.

L-Esej Twil

7. (1) L-istudenti għandhom jissottomettu proposta għal esej twil li għandha tkun ippreżentata skond il-linji gwida ppubblikati fil-katalgu tat-taqsimiet studju u fiż-żmien stabbilit mill-Bord ta' l-Istudji.

(2) Il-Bord ta' l-Istudji għandu jaħtar superviżur għal kull student.

(3) L-istudenti li jeħlu fl-esej twil għandhom jitħallew jissottomettuh darba oħra biss għal valutazzjoni mill-ġdid fi żmien perijodu ta' sitt xhur.